


Il-Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb

# Rapport Annwali 2015

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# Rapport Annwali 2015

Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
MALTA

Din l-ewwel edizzjoni ġiet ippubblikata fl-2016
mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Librerija Pubblika Ċentrali, Triq Prof. J. Mangion,
il-Furjana FRN1800
www.ktieb.org.mt

Stampat: Bestprint Co Ltd

Disinn: Fleur Sciortino

Copyright test ©Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Copyright ritratti ©Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

ISBN: 978-99957-889-2-6

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni miżmuma mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.
Dan il-ktieb qed jitqassam bil-kundizzjoni li ma jistax jinbiegħ. Ma jistax jinsilef, jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla jew legatura oħra ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.



# WERREJ

04 Dwarna
05 Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv
07 Festival Nazzjonali tal-Ktieb
08 Premju Nazzjonali tal-Ktieb
11 Fond Malti tal-Ktieb
12 London Book Fair
14 Kollaborazzjoni ma' PBS
16 Jeddijiet għas-Self Pubbliku
17 Laqgħat Konsultattivi u Seminars
18 Konkors Letterarju tar-Rumanzi għaż-Żgħażagħ
19 Vjaġġi professjonali
20 Inizjattivi u proġetti oħrajn
22 Rapport finanzjarju
23 Lista ta' ISBN

# DWARNA

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa entità pubblika li toffri lill-industrija tal-Ktieb Malti bosta servizzi importanti filwaqt li tħeġġeġ il-qari u tmexxi 'l quddiem il-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fl-għamliet kollha tiegħu. Fost avvenimenti ta' skala kemm żgħira u kemm nazzjonali jorganizza l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, jamministra l-Jeddijiet tas-Self Pubbliku, jorganizza konkorsi letterarji u huwa wkoll l-aġent lokali għall-ISBN u l-ISMN.

L-attitudni kulturali u l-approċċ multimidja tiegħu jippermettulu jaħdem b'mod dirett mal-industrija tal-ktieb . B'danakollu bħala entità jaqa' fl-ambitu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u dejjem tqies bħala parti sħiħa mill-infrastruttura edukattiva pubblika. Il-Malta Libraries, li hija l-entità responsabbli mil-libreriji pubbliċi kollha inkluża l-Librerija Nazzjonali, hija entità separata u distinta li taħdem mill-qrib mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hu magħmul minn:**

**Kap Eżekuttiv:**
Mark Camilleri

**Deputat Kap:**
Charles Calleja

**Segretarju:**
Joe Debattista

**Assistenti Segretarji:**
Michael Mercieca
Maria Muscat

**Membri tal-Kunsill:**
Clare Azzopardi
Steve Borg
Charles Mahoney
Emmanuel Psaila
Joanne Sciberras
Christine Vella Borda
Trevor Zahra


**Indirizz:**
Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Librerija Pubblika Ċentrali
Triq Prof. J. Mangion
Il-Furjana FRN 1800
Malta EU

**Telephone:**
+356 21222654

**E-mail:**
joe.debattista@gov.mt
michael.mercieca@gov.mt
maria.e.muscat@gov.mt

**Website:**
www.ktieb.org.mt




# MESSAĠĠ MILL-KAP EŻEKUTTIV

2015 ser tinżel fl-istorja tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bħala sena tassew notevoli: is- sena li fiha fl-aħħar iddaħħlu l-Jeddijiet tas-Self ubbliku għall-awturi Maltin, tnieda l-Fond Malti tal-Ktieb u Malta ħadet sehem fil-London Book Fair għall-ewwel darba. Minħabba żieda konsiderevoli (iżda xorta mhux esponenzjali) fil-fondi, il-KNK kien ukoll kapaċi jniedi firxa ta' inizjattivi ġodda bħala parti mill-istrateġija kulturali u edukattiva wiesa' tiegħu.

Inizjattiva minnhom kienet il-preżenza tal-KNK fix-xandir pubbliku bi programm ta' darba fil-ġimgħa "Xi qrajt dan l-aħħar?" kif ukoll bix-Short Film Contest għal skripts ibbażati fuq letteratura lokali. L-2015 rat ukoll il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jgħaddi minn reviżjoni rigoruża oħra bl-individwalizzazzjoni tal-kategoriji tal-letteratura tat-tfal fi premju separat, il-Premju Terramaxka.

Dan tnieda f'Novembru matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.L-inizjattivi u s-servizzi tagħna mhux qed jiġu implimentati b'mod purament tekniku u amministrattiv sempliċiment għax jinsabu fis-seħħ fuq livell istituzzjonali. Kull ħidma li nagħmlu norbtuha mal-istrateġija usa' tagħna li nżidu l-konsum tal-kotba f'Malta – iżda xi rridu ngħidu b'dan? Aħna nixtiequ naraw umru dejjem jikber ta' Maltin li jixtru u jaqraw il-kotba, idealment kotba b'valur edukattiv u kulturali. It-tieni, aħna nixtiequ wkoll li l-qarrejja barranin jibdew jiskopru u jaqraw ix-xogħlijiet tal-awturi Maltin.

B'danakollu m'għandna l-ebda ħsieb nikkundizzjonaw il-kontenut li jiġi ppubblikat jew li naġixxu ta' edituri. Minflok aħna sempliċiment noffru infrastruttura li kapaċi ssostni l-industrija tal-kotba, b'mod speċjali meta din l-industrija tiddedika l-ħidma tagħha favur l-ambjent edukattiv u kulturali tas-soċjetà.

Kif taħdem l-istrateġija tagħna fil-prattika? Qabelxejn, l-istrateġija tagħna tgawdi mill-vantaġġ kbir li fil-ħidma tagħna nipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi li jaqdu b'mod intrinsiku l-għanijiet aħħarin tal-KNK innifsu. Fil-pajjiżi l-kbar ċerti servizzi meħtieġa mill-industrija tal-ktieb bħall-jeddijiet tas-self pubbliku, il-ħruġ ta' ISBN u l-fieri tal-kotba jingħataw minn entità eskluživa. Il-fatt li dawn is-servizzi kollha jinsabu taħt it-treġija ta' unità amministrattiva waħda u kunsill wieħed jagħtina flessibbilità kbira.

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, li huwa premju tassew iispettat u spiss ukoll kontroversjali, jiġi aġġudikat minn bord indipendenti ta' akkademiċi, edituri u awturi magħżula mill-KNK. Il-bord ikun magħmul minn ġudikanti differenti kull sena ħalli kemm jista' jkun jinħoloq bilanċ fl-aġġudikazzjoni fuq medda twila ta' żmien billi jingħata spazju lill-iskejjel ta' ħsieb letterarji u akkademiċi kollha. Il-lista ta' finalisti nnominati għall-Premju Nazzjonali Ktieb li tinħareġ xhur qabel il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb toħloq l-antiċipazzjoni għall-festival innifsu. Din imbagħad tintuża mill-pubblikaturi biex jippromwovu lill-awturi elenkati fil-lista ma' bosta qarrejja.

Fil-London Book Fair nagħmlu mezz li nippromwovu fuq livell globali diversi awturi li fl-imgħoddi kienu rebbieħa fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb biex b'hekk immexxu 'l quddiem ix-xogħlijiet ta' wħud mill-aqwa kittieba u kotba kontemporanji Maltin. Nappoġġjaw ukoll lill-pubblikaturi barranin fil-pubblikazzjoni u fl-esportazzjoni tal-letteratura Maltija billi noffrulhom aċċess u opportunitajiet fis-suq lokali permezz tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u b'inizjattivi oħrajn. Sew il-pubblikaturi, sew l-awturi u sew l-istampaturi lokali issa qegħdin jużaw bis-sħiħ l-aċċess li ħloqnilhom għall-kuntatti internazzjonali u għall-istand tagħna fil-London Book Fair.



Qiegħed jingħata appoġġ finanzjarju lill-awturi bis-saħħa tal-jeddijiet tas-self pubbliku li essenzjalment huma ħlasijiet maħruġa għal kull ktieb misluf mil-libreriji pubbliċi. Qiegħed jingħata wkoll appoġġ lill-pubblikaturi permezz tal-organizzazzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus. Matul dawn il-festivals il-pubblikaturi u d-distributuri tal-kotba jippromwovu u jbiegħu l-kotba tagħhom lill-pubbliku. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb tul is-snin baqa' jikber ftit ftit biex fil-qasam tal-bejgħ tal-kotba llum sar jitqies bħala l-aktar avveniment importanti tas-sena. Madankollu l-KNK ma jridx jillimita ruħu 'politika purament kummerċjali mmexxija mis-suq għax jemmen li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb għandu jaqdi rwol kulturali u edukattiv ħolistiku bħala wieħed mill-akbar avvenimenti tas-sena f'pajjiżna. Jidhrilna li dan il-festival ma jistax jattira folol kbar billi sempliċiment jaġixxi ta' bażar u għaldaqstant il-KNK kull sena jinvesti ħafna enerġija fi tfassil ta' programm ta' avvenimenti bi kwalità għolja maħsub għal udjenzi varji biex b'hekk jilħaq setturi differenti mill-pubbliku ġenerali.

Il-KNK qiegħed ikompli jżid l-appoġġ tiegħu mal-awturi u mal-pubblikaturi billi jiffinanzja proġetti permezz tal-Fond tal-Ktieb li, fl-ewwel sena, iffinanzja diversi pubblikazzjonijiet Melitensia interessanti b'valur kulturali, edukattiv u intellettwali sinifikanti. Dan il-fond ser jibqa' fis-seħħ ħalli l-KNK ikun jista' jkompli joffri lill-awturi u lill-pubblikaturi l-opportunità li jibqgħu jtejbu l-ħiliet u l-kapaċitajiet tagħhom billi jipprovdilhom għotjiet biex jattendu workshops, korsijiet u inizjattivi kulturali. Għaldaqstant f'dan ir-rigward il-KNK jistenna b'ħerqa li jirċievi bosta sottomissjonijiet relevanti tul is-sena li ġejja.

Fl-2015 mhux biss għamilna progress bl-introduzzjoni ta' inizjattivi ġodda li saħħu l-istrateġija ġenerali tagħna iżda komplejna wkoll nirriġeneraw u nikkonsolidaw il-kisbiet tal-imgħoddi. Wara li saħħaħna l-istruttura amministrattiva tagħna issa biħsiebna naħdmu b'mod rigoruż fuq in-natura leġiżlattiva tal-KNK għall-2016. Waħda mill-problemi li għandna bħalissa fl-industrija tal-ktieb hija n-nuqqas ta' sindakati li jirrappreżentaw lill-kittieba u lill-pubblikaturi rispettivament. Diparti tagħna għandna l-għan li nipproduċu strument leġiżlattiv li jesiġi li l-KNK jittratta l-aġenda tal-kittieba u tal-pubblikaturi billi jsib bilanċ li kapaċi jsostni t-tkabbir tas-suq lokali f'termini kwantitattivi u kwalitattivi.
B'dan il-mod nkunu qegħdin nibnu sisien permanenti u aktar b'saħħithom għall-KNK.




# IL-FESTIVAL NAZZJONALI **TAL-KTIEB**

*Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2015 (FNK) kien wieħed mill-aktar fieri tal-kotba li rreġistrat suċċess f'Malta. B'attendenza li qabżet it-30,000 ruħ, b'aktar minn 35 esebitur u kollettivi bl-istands tagħhom u bi programm ta' attivitajiet mimli daqs bajda, il-FNK 2015 kien tabilħaqq avveniment memorabbli.*

Il-preżentazzjoni ta' għadd kbir ta' kotba ġodda li rajna matul dan l-avveniment ikkonsolidat il-FNK bħala l-pjattaforma ideali għall-awturi u għall-pubblikaturi biex iniedu x-xogħlijiet il-ġodda tagħhom.

Saru wkoll għadd kbir ta' diskussjonijiet u dibattiti filwaqt li s-Sibt filgħaxija ntwera għall-ewwel darba l-film qasir li rebaħ il-konkors għall-films ibbażati fuq novelli lokali. F'xi attivitajiet uffiċjali tal-programm tal-FNK tlaqqgħu wkoll flimkien it-teatru u l-mużika bis-sehem ta' bosta pubblikaturi li ngħaqdu magħna fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet promozzjonali tal-aħħar kotba tagħhom.

Fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena l-parteċipazzjoni internazzjonali kienet aspett partikularment notevoli. Uħud mill-awturi u l-pubblikaturi barranin li ħadu sehem fil-programm uffiċjali tal-FNK kienu Marie Darrieussecq (Franza), Maram al-Masri (Sirja/Franza), Dan Sociu (Rumanija), Bogdan Stanescu (Rumanija) u Clive Boutle (ir-Renju Unit). Reġgħu pparteċipaw mill-ġdid bħala esebituri uffiċjali għaqda kollettiva ta' pubblikaturi Sqallin u ħanut tal-kotba Franċiż.

Fl-edizzjoni tal-FNK ta' din is-sena t-tfal ingħataw prijorità speċjali. Waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-festival tnieda l-premju 'Terramaxka'. Matul il-ġimgħa l-programm ta' filgħodu ma segwiex mudelli konvenzjonali bi skeda fissa bħas-soltu, iżda minflok offra esperjenza ferriħija u interattiva mifruxa mal-ispazju fiżiku kollu tal-festival b'diversi karattri letterarji jinteraġixxu b'mod spontanju mat-tfal li ġew iqallbu u jixtru l-kotba. B'dan il-mod xtaqna nipprovdu lit-tfal atmosfera fantastika bħal ta' ċirku li ċċajpar il-linja li tifred il-fantasija mir-realtà.

Issa nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li minn fiera tal-kotba b'mudell ta' bażar il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb irnexxielna nittrasformawh b'mod uffiċjali f'avveniment nazzjonali maġġuri bi programm ta' avvenimenti minsuġ bis-sħiħ.

Il-FNK m'għadux sempliċiment spazju għall-bejgħ tal-kotba bir-ribass iżda sar pjattaforma annwali ewlenija li tippermetti lill-awturi u lill-pubblikaturi Maltin jirreklamaw il-materjal tagħhom mal-pubbliku ġenerali, jiddibattu u jiddiskutu xogħolhom u jiskambjaw l-ideat tagħhom.

Lil hinn mill-fatturi kummerċjali, il-FNK issa żviluppa wkoll aspetti kulturali u edukattivi qawwija li saru parti mir-raison d'etre tiegħu.

Fil-FNK qiegħed jinħoloq ukoll aspett soċjali qawwi b'sinerġija bejn il-preżenza ta' ħafna awturi u pubblikaturi taħt l-istess saqaf. Sabiex il-FNK jibqa' relevanti għal żmienna jenħtieġ li l-KNK jibqa' jriffdu b'valuri kulturali u edukattivi.

Għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb tas-sena d-dieħla l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qiegħed jantiċipa żieda fil-parteċipazzjoni internazzjonali u fl-għadd ta' viżitaturi kif ukoll, għaldaqstant, żieda fil-bejgħ tal-kotba. Il-bejgħ u l-attendenza ilhom jiżdiedu b'mod konsistenti mill-2014 u biħsiebna nissoktaw inżommu din ix-xejra għaddejja.

*L-isponsor uffiċjali tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2015 kien l-APS Bank.*

# IL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB

## Kotba ppubblikati fl-2014



Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb (PNK) baqa' jiġi riġenerat u aġġornat matul l-2015 sabiex isir iżjed prestiġjuż u relevanti għal żmienna. Il-kategoriji tal-letteratura għat-tfal infirdu miċ-ċerimonja prinċipali tal-għoti tal-premjijiet u saret ċerimonja għalihom biss fl-ewwel serata tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb (FNK) f'Novembru. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-Kotba tat-Tfal issa sar jismu "Premju Terramaxka."

Għaliex "Terramaxka"? It-terramaxka (bl-Ingliż "street organ" jew "belly organ") tissimbolizza b'mod partikulari dak li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) qiegħed jipprova jikseb fil-programm tal-avvenimenti għat-tfal tal-iskola tal-FNK. Il-Premju Terramaxka jiżgura esperjenza vivaċi u mużikali li tikkumplimenta dik l-atmosfera ta' ċirku li rridu noħolqu għat-tfal li jiġu jżuru l-Festival filgħodu matul il-ġimgħa.

Fuq livell kunċettwali għandna l-għan li nrawmu fost it-tfal l-idea li l-kotba jipprovdu ċavetta għad-dinja tal-fantasija u tal-istħajjil. Barra dan, ġaladarba l-premju Terramaxka jitħabbar matul iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-FNK, matul il-festival issir ukoll promozzjoni wiesgħa tal-kotba rebbieħa.

Il-ġurija tal-premjijiet issir minn bord aġġudikattiv ta' ġudikanti skont mekkaniżmu li jiddelinea l-punti u l-kriterji b'mod metodoloġiku.

Importanti ninnotaw li l-kotba eliġibbli għandu jkollhom ISBN maħruġ lokalment. Il-ġudikanti kollha tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jiltaqgħu f'bosta sessjonijiet biex jiżguraw aktar verifiki b'kull ġudikant jirrikonoxxi u jikkonferma x-xogħol tal-bqija.

Il-KNK dejjem jagħmel sforz biex jagħżel akkademiċi minn skejjel differenti ta' ħsieb u kritiċi minn tradizzjonijiet letterarji differenti ħalli jiżgura li s-sistema ta' aġġudikazzjoni tkun iddiversifikata u bbilanċjata tajjeb. Madankollu, ġaladarba bosta akkademiċi, kritiċi u awturi jipparteċipaw huma wkoll fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb innifsu, ma jkunx faċli għalina nsibu persuni kkwalifikati bis-sħiħ biex ipoġġu fuq il-bord aġġudikattiv. Għaldaqstant il-KNK jagħmel sforz biex isib ġudikanti bi kwalifiki relevanti, is-soltu fuq livell ta' Dottorat.

Il-ġudikanti jħejju wkoll rapporti estensivi dwar l-aġġudikazzjoni, iżda dawn ir-rapporti ma jiġux ippubblikati biex il-bejgħ tal-kotba ma jisfax f'kompromess u biex ma jiġux influwenzati d-deċiżjonijiet editorjali tal-pubblikaturi. Jidhrilna wkoll li l-pubblikazzjoni tar-rapporti aġġudikattivi mhix ħaġa xierqa ġaladarba dawn ir-rapporti jistgħu jweġġgħu s-sentimenti ta' bosta awturi. B'xorti ħażina, fil-każ ta' premju bħal dan, mhux possibbli titħaddem formula matematika li tiggarantixxi riżultati purament oġġettivi, u dan il-fatt sa ċertu punt jispjega għala ħafna awturi s-soltu jkollhom interpretazzjonijiet differenti u saħansitra oġġezzjonijiet kontra dak li jkunu kitbu l-ġudikanti fuq xogħolhom.

Meta nqisu kollox nistgħu ngħidu b'kunfidenza li bis-saħħa tas-sistema ta' aġġudikazzjoni akkademika u rigoruża li daħħalna fl-2014 il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb kiber sew fil-prestiġju u sew fil-profil. Din is-sistema ġiet aġġornata fl-2015 u biħsiebna nkomplu ntejbuha fl-2016 ħalli nagħmluha iżjed ċara u metodoloġikament preċiża.

Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb saret f'Kastilja fil-11 ta' Diċembru. L-awtur tar-rumanz rebbieħ fil-kategorija 'Xogħol Letterarju' għall-ewwel darba ngħata għotja ta' €5000 mill-Malta Arts Council's Cultural Export Fund bil-għan li x-xogħol letterarju tiegħu jinqaleb f'ilsien barrani. Id-dokumenti kollha relatati mal-kriterji tal-aġġudikazzjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jinsabu onlajn fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.



### Il-ġudikanti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

**Kategoriji Letterarji: Rumanz, Novelli, Poeżija, Drama u Traduzzjoni.**
Prof. Clare Vassallo, Dr. Marco Galea u Dr. Norbert Bugeja

**Kategoriji ta' Riċerka: Ġenerali u Riċerka Storjografika.**
Prof. Victor Mallia Milanes, is-Sur Alex Farrugia u s-Sur Mario Ellul

**Kategoriji tal-Letteratura għat-Tfal u l-Adoloxxenti tal-Premju Terramaxka.**
Prof. Charles Mifsud, is-Sur Andrè Vella Laurenti u s-Sur David Muscat Azzopardi

Is-Sa Cheryl Falzon u s-Sa. Joanne Sciberras għenu wkoll fil-proċess ta' klassifikazzjoni.

# IR-REBBIEĦA

*Lista tar-Rebbieħa tal-Premju Terramaxka 2015 għall-kotba ppubblikati matul l-2014:*

**Xogħol Oriġinali: Kategorija Kotba għat-Tfal (età 0-7)**
L-Ewwel Ktieb tan-Numri ta' Terence Portelli (Midsea Books)

**Xogħol Oriġinali: Kategorija Kotba għat-Tfal (età 8-12)**
Dizzjunarju bil-Malti għat-Tfal ta' Christopher J. Micallef (BDL) u Save Samyo City ta' Sherise Bugeja (Merlin Publishers)

**Xogħol Oriġinali: Kategorija Kotba għall-Adoloxxenti (età 13-16)**
Only in Ħal Biżarr ta' David Aloisio (Klabb Kotba Maltin)

**Traduzzjoni: Kategorija Kotba Maqluba għall-Malti (età 0-7)**
Lupu Lupettu Kull Kulur ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)

**Traduzzjoni: Kategorija Kotba Maqluba għall-Malti (età 8-12)**
Kosmos Express: Il-Wikkiel tal-Pjaneti ta' Loranne Vella (Merlin Publishers)

**Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti (età 13-16)**
Kważi kważi lil Tamara nżommuha ta' Simon Bartolo (Merlin Publishers)

**Premju għall-Aqwa Produzzjoni ta' Ktieb 2015**
Merlin Publishers għal Stampakelma ta' Trevor Zahra

**Premju għall-Illustrazzjoni ta' Ktieb Rebbieħ tal-Kategorija Xogħol Oriġinali: Kotba għat-Tfal (età 8-12)**
Andrea Meli għal Save Samyo City (Merlin Publishers)

**Premju għall-Illustrazzjoni ta' Ktieb Rebbieħ tal-Kategorija Xogħol Oriġinali: Kotba għat-Adoloxxenti (età 13-16)**
Mark Scicluna għal Only in Ħal Biżarr (Klabb Kotba Maltin)

*Din hija l-lista tar-Rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2015 għall-kotba ppubblikati matul l-2014:*

**Xogħol Letterarju: Kategorija Rumanz**
Jutta Heim ta' Immanuel Mifsud (Klabb Kotba Maltin)

**Xogħol Letterarju: Kategorija 'Novelli**
Kulħadd ħalla isem warajh ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)

**Xogħol Letterarju: Kategorija Poeżija**
taħt il-kpiepel t'għajnejja ta' Maria Grech Ganado (Klabb Kotba Maltin)

**Il-Kategorija Riċerka Ġenerali**
The Maltese Nineteenth-Century Notary and his Archives ta' Michael Refalo (Book Distributors Limited)

**Il-Kategorija Riċerka Storjografika**
The Social and Religious History of a Maltese Parish: St. Mary's Qrendi in the Eighteenth Century ta' Frans Ciappara (Malta University Press)

**Kategorija Traduzzjoni**
Salammbô ta' Paul Zahra (Ippubblikat mill-awtur)

**Premju għall-Aqwa Produzzjoni ta' Ktieb**
The Maltese Bestiary ta' Merlin Publishers

**Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Letteratura**
Maria Grech Ganado







# IL-FOND MALTI TAL-KTIEB

Fl-2015 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) nieda l-Fond Malti tal-Ktieb. Dan il-fond huwa kompetittiv u maħsub biex jissussidja u jappoġġja l-pubblikazzjoni ta' għadd ta' kotba ta' kwalità għolja, kemm ta' narrattiva u kemm le, li jkunu jeħtieġu investiment finanzjaru sostanzjali. Dawn il-kotba partikulari mhux bilfors ikollhom il-potenzjal li jiġġeneraw profitt kaġun tan-natura speċjalizzata tagħhom jew minħabba li l-pubblikazzjoni u d-distribuzzjoni tagħhom tkun pjuttost diffiċli ħtija tan-nuqqasijiet fl-infrastruttura tas-suq innifsu.

Dan il-fond jistgħu japplikaw għalih sew l-awturi u sew il-pubblikaturi. Il-fondi jistgħu jintużaw fuq ir-riċerka, il-ħlas tal-awturi, id-disinn, l-istampar, ir-reklamar u spejjeż oħra relatati mat-tfassil tal-manuskritt u l-pubblikazzjoni tal-ktieb. Il-Fond Malti tal-Ktieb jista' jintuża wkoll fuq il-finanzjament tar-reklamar ta' kotba lokali f'pajjiżi barranin. Fl-aħħar mill-aħħar il-Fond għandu l-għan li jissussidja l-pubblikazzjoni ta' kotba Melitensia u li jiffinanzja l-kontinwità tal-edukazzjoni tal-awturi u l-pubblikaturi. Għaldaqstant il-kriterji tal-eleġibbiltà huma pjuttost wiesa' ħalli l-Fond Malti tal-Ktieb ikun jista' jipprovdi għall-ikbar għadd ta' inizjattivi possibbli. Il-proġetti eleġibbli għandhom jiġu ppubblikati b'ISBN lokali.

Bis-saħħa tal-Fond Malti tal-Ktieb qiegħda tinħoloq lista ta' kotba li jidħlu fis-suq bit-timbru tal-KNK li jiżgura l-livell għoli tagħhom fil-qasam rispettiv. Il-fondi jiġu aġġudikati minn bord aġġudikattiv indipendenti magħmul minn tliet akkademiċi u edituri maħtura mill-KNK. Wara l-proċess tal-għażla l-bord aġġudikattiv joħroġ rapport li jiġġustifika d-deċiżjonijiet tiegħu dwar l-għażla tal-proġetti u t-tqassim tal-fondi.

| Applikant | Titlu tal-Proġett | Ammont (€) |
|---|---|---|
| Geoffrey Saliba | "Malta's top ten – A guide to the Island's Wildlife" | €4,000 |
| Malta Historical Society | "The 1565 Great Siege, the Founding of Valletta and their lasting effects" | €1,000 |
| Mark Anthony Sammut & Walid Nabhan | "Rendition into modern Maltese (with annotations) of M A Vassalli's translation of 'Is-Sultan Ċiru' by Frans Sammut (completed by W Nabhan and M A Sammut)" | €2,500 |
| SKS | "Dun Kixott mill-Manċa – by Pawlu Montebello" | €5,000 |
| Midsea Books | "Minn Tfuliti sa Irguliti: rakkonti minn Leli ta' Keterin ta' Lino Psaila" | €5,000 |
| Midsea Books | "Kif Dieb il-Gamiem: rakkonti ta' kaċċa u nsib mill-passat ta' Natalino Fenech" | €5,000 |
| Arnold Cassola | "Malta-Sicily, people, patriots, commerce (1770 – 1860)" | €2,400 |
| Michael Refalo | "Fatima on Her Way. Transhipment of Ottoman Slaves through a British Colony in the Late Nineteenth Century" | €4,500 |
| Glen Calleja | "'The Outstaring Truth': promotional tour in Romania" | €2,000 |
| Toni Aquilina | "Translation into Maltese of 'Malta Ħanina' by Daniel Rondeau" | €4,500 |
| Martina Caruana and Burkard Wehner | "The Wignacourt Psalter: The Art-Historical and the Musicological Study" | €4,000 |

*Il-proġetti li ffinanzja l-Fond tal-Malti Ktieb fl-2015 kienu dawn:*

# LONDON
# BOOK FAIR

Fis-sena 2015 Malta ħadet sehem għall-ewwel darba fil-London Book Fair (LBF). Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) tella' stand ta' 5.5x4m fil-qalba tal-Olympia sabiex imexxi 'l quddiem il-kotba, l-awturi u l-pubblikaturi Maltin.

L-istrateġija tagħna fl-LBF hija relatata mill-qrib mal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Il-KNK jaħdem biex iħajjar lill-pubblikaturi barranin jippubblikaw lill-awturi Maltin f'ilsna u pajjiżi barranin. Diparti tiegħu l-KNK imbagħad jirreċiproka billi jgħinhom ideffsu saqajhom fis-suq tal-ktieb Malti permezz Malta Book Fund. Qegħdin niddiskutu wkoll din l-istrateġija ta' skambju ma' istituzzjonijiet pubbliċi Ewropej li jaħdmu fl-industrija tal-ktieb. Intant qegħdin isiru wkoll taħditiet simili ma' sħab potenzjali non-Ewropej.

L-istand tagħna fl-LBF jkun mimli b'kotba Maltin minn kull ġeneru. Hemmhekk nieħdu ħsieb inqassmu b'xejn għadd kbir ta' kotba Maltin bl-Ingliż ma' kull min wera interess fl-istand tagħna. Il-pubblikaturi u l-awturi jkollhom aċċess sħiħ għall-istand.

F'din l-ewwel parteċipazzjoni tagħna saħansitra kien hemm pitturi lokali (b'suq ta' esportazzjoni ta' sitt miljun euro fis-sena) li żaru l-istand tagħna biex jiltaqgħu mal-klijenti tagħhom. L-għan ewlieni tagħna fl-LBF huwa li nikkonvinċu lill-pubblikaturi barranin biex jippubblikaw xogħlijiet Maltin f'ilsna u f'pajjiżi barranin. B'danakollu mill-istand tagħna noffru wkoll kull tip ta' appoġġ u għajnuna meħtieġa lill-kumpaniji u lill-entitajiet lokali li jaħdmu fl-industrija tal-ktieb.




L-infiltrazzjoni fis-suq internazzjonali hija proġett diffiċli ħafna u teħtieġ ħidma persistenti fuq medda twila ta' żmien. Madankollu ninsabu ottimisti ħafna. Nemmnu li l-LBF hija l-fiera ideali għal Malta biex tippromwovi l-kotba u l-awturi tagħha għax qabelxejn – ġaladarba mhix fiera kbira ħafna b'għadd kbir ta' esibituri benstabbiliti f'bosta swali differenti bħal dik ta' Frankfurt – l-esebituri ż-żgħar isibuha eħfef biex jiġbdu l-attenzjoni tal-pubbliku.

Barra dan, nemmnu dan ukoll għax is-suq tal-LBF huwa bbażat fuq l-ilsien Ingliż. . Għall-2016 qegħdin nippjanaw li nżidu l-profil promozzjonali tagħna billi nieħdu sehem ukoll fil-programm uffiċjali tal-avvenimenti tal-fiera. Ser ninvestu wkoll fi programm strutturat ta' reklamar u marketing li diġà tfassal tajjeb ħafna matul l-2015. Bħalissa l-KNK qiegħed jikkoordina l-ħidma tiegħu ma' bosta pubblikaturi lokali sabiex jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-fiera. Żewġ antoloġiji ta' traduzzjonijiet għall-Ingliż ta' xogħlijiet minn awturi Maltin rebbieħa ta' premji letterarji – wieħed ta' poeżija u ieħor ta' proża – ser jitqassmu b'xejn waqt l-LBF lil kull min juri interess fis-suq tal-ktieb Malti.

Il-parteċipazzjoni tal-KNK fil-LBF mhix biss marbuta ma' għanijiet konkreti u tanġibbli relatati mas-suq tal-kotba għax din issir fi spirtu ta' rappreżentanza ħolistika tal-kultura Maltija f'avveniment li nistgħu ngħodduh b'waħda mill-ikbar fieri tal-kotba importanti fid-dinja. Aħna nemmnu li n-nazzjon, il-pajjiż u s-soċjetà jistgħu jiġu rrappreżentati bl-aħjar mod mill-awturi u l-letteratura tagħhom. Proprju għalhekk huwa importanti li niżguraw preżenza regolari fl-LBF.





# KOLLABORAZZJONI MA' PBS

Fl-2015 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) beda jikkollabora mill-qrib mal-Public Broadcasting Services (PBS). Din il-ħidma konġunta rat żewġ inizjattivi ewlenin iseħħu fis-sew.

Il-Konkors tal-Films Qosra tal-PBS tnieda mill-KNK kmieni fl-2015. F'dan il-konkors jieħdu sehem proġetti ta' films qosra li jkunu bbażati fuq storja qasira ppubblikata lokalment. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jvara proċess li jibda jgħaqqad flimkien l-industrija tal-kotba mal-industrija tax-xandir. Nemmnu li l-industrija tal-ktieb tista' tikber b'mod sinifikanti kemm-il darba tespandi f'mezzi tal-arti u tal-komunikazzjoni oħrajn. Meta l-pubblikaturi u l-kittieba jibdew kulma jmur isiru iżjed involuti fix-xandir u fiċ-ċinema mhux biss jibdew igawdu mill-benefiċċji li jġib pont ġdid ma' udjenzi varji iżda jagħtu wkoll kontribut lid-dinja taċ-ċinema u tax-xandir permezz tal-kreattività u ta' testi bi kwalità għolja.

Il-proġett rebbieħ jingħata għotja ta' €7,000 mill-KNK filwaqt li l-awtur jirċievi €1,000 għall-użu tad-drittijiet. Matul il-produzzjoni tal-film il-PBS jipprovdi lit-tim rebbieħ it-tagħmir tat-tidwil, is-servizzi ta' direttur tal-fotografija u krew tekniku ieħor.

Imbagħad il-film jitnieda fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u jintwera fuq Television Malta (TVM). L-għażla tal-offerta rebbieħa ssir minn bord magħmul minn żewġ ġudikanti indipendenti magħżula mill-KNK u mill-editur tal-PBS.

Ir-rebbieħa tal-PBS Short Film Festival tal-2015 kienu Manuel Xuereb u Federico Chini ta' '2Doors Media' bil-proposta tal-film qasir Dar ir-Rummien – adattament ta' storja bl-istess isem miktuba minn Pierre J. Mejlak. L-istorja kienet dehret fil-ġabra ta' stejjer tiegħu Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid. Il-bord kien magħmul minn: Prof. Gloria Lauri Lucente, Prof. Mario Cassar u Mr. Reuben Zammit f'isem il-PBS. Il-ġbid tal-film sar f'Għawdex matul is-sajf tal-2015 u xi studenti tal-Media mill-MCAST Art and Design ħadmu bi qliegħ fuq is-sett. Dar ir-Rummien tnieda fis-7 ta' Novembru 2015 bħala parti mill-Programm tal-Avvenimenti tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2015.




Proġett mal-PBS li għadu għaddej huwa l-programm "Xi qrajt dan l-aħħar?" F'dan il-programm ta' erba' minuti xi awtur Malti jew persuna attiva fl-industrija tal-ktieb titkellem fil-qosor dwar l-aħħar kotba li tkun qrat. Il-programm jixxandar darba f'ġimgħa prima serata fit-tmiena neqsin għaxra ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ser ikompli jesplora oqsma oħrajn ta' kollaborazzjoni mal-PBS. Waħda mill-ħolmiet tagħna hija din is-sena naraw il-produzzjoni ta' film sħiħ imsejjes fuq rumanz kontemporanju ewlieni lokali.

# JEDDIJIET TAS-SELF PUBBLIKU

Fil-bidu tal-2015 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) flimkien mal-Malta Libraries introduċa lill-kittieba Maltin il-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (JSP). Issa qiegħed jinħareġ ħlas għal kull ktieb li jinsilef mil-libreriji pubbliċi kollha ta' Malta u Għawdex. Il-baġit allokat għall-JSP għas-sena 2014 kien laħħaq l-€25,000 u beda mill-aħħar kwart tas-sena. Kull tliet xhur tas-sena ħarġu €5,000 fi ħlasijiet. L-introduzzjoni tal-JSP ġabet lil Malta konformi mad-Direttiva 2006/115/KE tal-Unjoni Ewropea.

Il-Malta Libraries tuża s-sistema ta' Informazzjoni Bibljotekarja "VSmart" u ddaħħal lill-awturi fil-kamp "370C". B'dan il-mod il-KNK ikun jista' joħroġ ħlas għal kull ktieb li jinsilef wara li l-awtur jiġi rreġistrat u identifikat mis-sistema. Dan il-metodu jixbah ħafna lis-sistema użata fil-libreriji pubbliċi Daniżi.

L-illustraturi u l-fotografi li jiktbu kotba b'mod konġunt jirċievu flimkien mal-awtur 50% mill-ħlas għal kull ktieb li jinsilef. Fil-każ ta' antoloġiji jew kotba b'artikli miġbura jitħallas l-editur biss.






# LAQGĦAT KONSULTATTIVI U SEMINARS

Matul is-sena il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jorganizza bosta laqgħat konsultattivi ma' kittieba, pubblikaturi, u distributuri tal-kotba kif ukoll ma' membri attivi oħrajn f'din l-industrija.

Fl-24 ta' Jannar saret laqgħa konsultattiva importanti ħafna sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-ristruttura tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u ħwejjeġ relatati mal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2015. Il-Kunsill stieden lill-awturi, lid-distributuri u lis-sidien tal-ħwienet tal-kotba lokali kollha biex jattendu u jiskambjaw il-fehmiet u t-tħassib tagħhom.

Fl-24 ta' Ottubru sar is-seminar 'Tapping the potential of the London Book Fair' li ffoka fuq kif il-pubblikaturi u l-awturi jistgħu jisfruttaw l-opportunitajiet li toffri l-London Book Fair u wassal tagħrif ġenerali rigward ir-rappreżentanza ta' Malta f'din il-fiera prestiġjuża. Ir-rappreżentanti tal-fiera s-Sinjura Amy Francis (Maniġer tal-Bejgħ Internazzjonali) u s-Sinjura Charlotte Jarvis (Eżekuttiv tal-Bejgħ tar-Renju Unit) żaru Malta proprju għal dan il-għan u tkellmu ma' bosta minn dawk preżenti dwar l-opportunitajiet li tista' toffri l-London Book Fair fl-2016.

Fit-13 ta' Novembru l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħadem ukoll mal-Creative Europe Desk Malta (CED Malta) u mal-Kunsill Nazzjonali tal-Arti fuq il-konferenza 'InTranslation'. Din il-konferenza ġiet organizzata b'mod partikulari biex tagħraf it-tkabbir tal-qasam tat-traduzzjoni tul dawn l-aħħar snin u biex tanalizza l-mekkaniżmi tal-fondi u l-premjijiet li fis-seħħ bħalissa għall-kultura bbażata f'pajjiżna u għall-professjonisti kreattivi.



# IL-KONKORS LETTERARJU TAR-RUMANZI **GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**



Il-Konkors Letterarju tar-Rumanzi għaż-Żgħażagħ jiġi ffinanzjat mill-Aġenzija Żgħażagħ u mmexxi mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Dan għandu l-għan li jħeġġeġ kittieba minn għoxrin sena 'l fuq biex jiktbu bil-Malti għall-adoloxxenti (bejn it-13 u t-18-il sena) ħalli b'hekk jilħaq faxxa ta' età li ftit li xejn tingħata x'taqra mill-kittieba Maltin. L-iskripts rebbieħa mbagħad jaslu f'idejn il-pubblikaturi li diparti tagħhom jippubblikawhom u jbiegħuhom bi prezzijiet sussidjati.

Fl-2014 r-rumanz rebbieħ ta' Leanne Ellul "Gramma" ġie ppubblikat minn Merlin Publishers mentri r-rumanz rebbieħ l-ieħor "X'Aħna Smart!" ta' Steve Lughermo ġie ppubblikat minn Horizons.

Kemm Steven Lughermo u kemm Leanne Ellul ingħataw premju ta' €1,000 u bis-saħħa tal-konkors attendew ukoll l-Iceland Writers Retreat sabiex itejbu l-ħiliet kreattivi tagħhom.

Ir-rebbieħa tal-2015 ser jitħabbru f'Jannar.







# VJAĠĠI **PROFESSJONALI**

Fl-2015 il-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) kellu erba' vjaġġi professjonali, il-London Book Fair eskluża.

Nhar il-25 ta' Lulju ġie organizzat vjaġġ professjonali f'Katanja, Sqallija, li laqqgħet lill-Kap tal-KNK ma' pubblikatur Sqalli li kien biħsiebu jippubblika 'I Giovanniti: la Storia dei Cavalieri di Malta" ta' Frans Sammut fi Sqallija. Il-KNK appoġġa bis-sħiħ dan il-proġett u għen lill-pubblikatur fil-preżentazzjoni u l-promozzjoni tal-ktieb f'pajjiżna. Tul din is-sena l-Kunsill ser jissokta jappoġġa l-ktieb fl-Italja.

Bejn il-21 u t-22 ta' Settembru sar vjaġġ professjonali f'Bali, l-Indoneżja, li ppermetta lill-KNK jieħu sehem fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-ISBN li ġiet ospitata mil-Librerija Nazzjonali tal-Indoneżja. Bosta delegati taw taħditiet dwar aspetti tekniċi tal-ISBN u tal-istandardizzazzjoni. Malta vvotat favur il-bidliet li saru fil-Manwal tal-Utenti. Il-verżjoni aġġornata tal-Manwal tal-Utenti ser tiġi ppubblikata iżjed tard din is-sena.

Vjaġġ professjonali ieħor li għamel il-Kap Eżekuttiv kellu x'jaqsam mal-Public Lending Rights Annual Conference f'The Hague, l-Olanda. Matul din il-konferenza il-Kap Eżekuttiv ta preżentazzjoni dwar il-mudell tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku li ddaħħal fis-seħħ f'Malta.

Is-sistema ntlaqgħet b'mod pożittiv. Il-pajjiżi Nordiċi, b'mod speċjali n-Norveġja, urew appoġġ qawwi u saħansitra offrew għajnuna teknika b'xejn. Saru wkoll bosta preżentazzjonijiet minn rappreżentanti ta' pajjiżi oħra. Malta vvotat favur reżoluzzjoni li żżid il-pressjoni fuq il-Parlament u l-Gvern tal-Isvizzera sabiex jintroduċi l-Jeddijiet tas-Self Pubbliku. Il-fondi li koprew il-vjaġġ ħarġu mill-PLR International Network.

L-aħħar vjaġġ professjonali tas-sena 2015 ħa lill-Kap Eżekuttiv fil-Ġermanja biex jattendi l-Frankfurt Book Fair. Bejn il-15 u t-18 ta' Ottubru l-Kap Eżekuttiv kellu diversi laqgħat ma' shab barranin tal-KNK u ddiskuta bosta kwistjonijiet fosthom il-London Book Fair, l-ISBN u l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

Il-Kap Eżekuttiv attenda wkoll laqgħa ma' istituzzjonijiet pubbliċi tal-ktieb imtella' mis-"Centre national du livre" (Franza) flimkien mas-"Service général des Lettres et du livre" (Belġju). Din il-laqgħa serviet ta' diskussjoni preliminari dwar il-ħolqien formali ta' network Ewropew ta' istituzzjonijiet pubbliċi tal-ktieb. Malta hija bis-sħiħ favur it-tfassil ta' network bħal dan.





# INIZJATTIVI U PROĠETTI OĦRAJN

Bħalissa l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) jinsab fil-proċess li jiġbor id-data lokali kollha eżistenti tal-ISBN bil-għan li jpoġġi din id-data f'bażi tad-data onlajn. Sibna lakuni kbar fid-data tal-imgħoddi, li ħafna minnha kienet inkitbet bl-idejn fuq karta. Għaldaqstant il-proċess tal-ġbir tad-data dam iżjed milli kien mistenni. Bħalissa d-data miġbura qiegħda tiġi organizzata u mdaħħla fis-sistema b'mod diġitali.

Tul is-sena kollha l-KNK organizza bosta attivitajiet ta' qari fil-Librerija Pubblika Ċentrali. Din hija l-lista tal-attivitajiet:
Qari minn 'Stedina għal Sabrina' ta' Louise Sammut u mbagħad attività artistika għaż-żgħażagħ fl-1 ta' Awwissu.
Qari għat-tfal minn 'Imeldina' ta' Sandra Hili Vassallo fil-5 ta' Awwissu.
Qari minn 'X'Aħna Smart!' ta' Stephen Lughermo (Rebbieħ tal-Konkors Letterarju ta' Rumanzi għaż-Żgħażagħ organizzat mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-KNK) fit-3 ta' Ottubru.
Qari minn 'GRAMMA' ta' Leanne Ellul (Rebbieħ tal-Konkors Letterarju ta' Rumanzi għaż-Żgħażagħ organizzat mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-KNK) fit-12 ta' Diċembru.

Il-KNK kompla jagħti donazzjonijiet ta' kotba lill-iskejjel u lil-librerji pubbliċi. L-iskejjel primarji tal-Floriana u tal-Marsa bbenefikaw minn dawn id-donazzjonijiet. Mill-2016 'l quddiem id-donazzjonijiet tal-kotba ser jonqsu għax dan il-kompitu kulma jmur ser jibda jaqa' dejjem iżjed fl-ambitu tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu li rċeviet żieda sostanzjali fil-fondi allokati għal donazzjonijiet bħal dawn.

Fit-18 ta' Frar il-KNK ta għadd ta' kotba b'donazzjoni lil-librerija tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Il-KNK jemmen li kull settur fis-soċjetà għandu jkun intitolat għall-aċċess għall-kotba u għal-librerji. Nemmnu li ħadd ma għandu jitwaqqaf jew jinżamm lura milli jkompli jeduka ruħu daqs kemm nemmnu wkoll li l-kotba huma għodod ewlenin ta' aċċess li jtejbu l-opportunitajiet. Il-KNK ser jibqa' jżomm kuntatt mal-awtoritajiet tal-ħabs u mal-organizzazzjoni 'Mid-Dlam għad-Dawl' ħalli jkompli jsegwi l-ħtiġijiet tal-librerija tal-ħabs u joffri l-appoġġ tiegħu meta jkun meħtieġ.

Fl-20 ta' Marzu il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ta' b'donazzjoni għadd ġmielu ta' pubblikazzjonijiet bil-Franċiż lis-'Centre Franco-Maltais' – Iċ-Ċentru ta' Riżorsi Franċiżi fil-Junior College tal-Imsida.

Dawn il-kotba, li jinkludu BDs, pubblikazzjonijiet aġġornati dwar l-istorja, l-arti u l-kultura ta' Franza, proża għal bosta livelli u firxa wiesgħa ta' dizzjunarji, qegħdin jintużaw fiċ-Ċentru u ngħataw ukoll lil studenti Franċiżi bħala premju.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħadem flimkien mal-Aġenzija Nazzjonali għal-Litteriżmu (parti wkoll mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi) fuq il-programm 'Aqra kemm tiflaħ' li jiffoka fuq l-ewwel snin tal-edukazzjoni primarja. Fl-ewwel fażi tal-programm, il-KNK nefaq madwar €15,000 fuq kotba li tqassmu fost il-klassijiet kollha tal-Kulleġġ Santa Margerita. Kull klassi mill-ewwel sas-sitt sena ngħatat mhux inqas minn 100 ktieb għal-librerija tal-klassi tagħha kif ukoll riżorsi kumplimentari maħluqa mill-Aġenzija Nazzjonali għal-Litteriżmu. Id-donazzjoni saret fis-27 ta' April fl-Iskola Primarja B ta' Ħaż-Żabbar.

Għat-tieni sena konsekuttiva l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb organizza l-Campus Book Festival bejn il-5 u s-7 ta' Mejju fl-Università ta' Malta b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti – Università.

Tul tlett ijiem fuq il-kampus kien hemm suq tal-kotba vivaċi b'bosta attivitajiet bħal qari, dibattiti, workshops, wiri ta' films, mużika kif ukoll turs bi gwidi fil-librerija tal-Università. Dan il-festival joffri lill-pubblikaturi u lid-distributuri Maltin pjattaforma biex jiċċirkolaw il-materjal tagħhom ma' udjenza matura u akkademika, fosthom studenti universitarji. Il-festival kien miftuħ għall-pubbliku ġenerali.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb attenda u pparteċipa f'konferenza stampa organizzata mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju tal-Imqabba fl-10 ta' Ġunju biex iniedi katalogu ta' artikli dwar il-festa lokali. Dan il-katalgu ġie ppubblikat mill-istess każin tal-banda flimkien mal-edizzjoni 2015 tal-pubblikazzjoni tal-festa annwali li, għall-ewwel darba, ġie ppubblikat b'ISBN maħruġ mill-KNK. Permezz tal-applikazzjoni għal ISBN il-ktieb inkwistjoni sar konformi mal-liġijiet tal-pubblikazzjonijiet u għaldaqstant ġie mmarkat u elenkat fil-bażi tad-data dwar pubblikazzjonijiet lokali kif ukoll iddepożitat b'mod legali fil-Librerija Nazzjonali.

Il-KNK jemmen li żvilupp bħal dan jiżgura li fis-snin ġejjiena r-riċerkaturi ser ikunu jistgħu jaċċessaw materjal relatat mal-istudji tagħhom bi ftit sforz jew xejn peress li bis-saħħa ta' din ir-regolarizzazzjoni l-aċċess għal dawn il-pubblikazzjonijiet sar tabilħaqq faċli. Il-KNK jittama li iżjed każini tal-banda f'pajjiżna jsegwuh billi jibdew japplikaw għall-ISBN għal pubblikazzjonijiet tal-festa annwali tagħhom.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kien responsabbli mill-organizzazzjoni tat-taqsima letterarja 'Spins and Spells' tal-Malta Arts Festival nhar il-21 ta' Lulju fl-Auberge d'Italie, il-Belt Valletta. F'dan l-avveniment inqrat għażla ta' poeżiji mill-poeti żgħażagħ Leanne Ellul, Kit Azzopardi, Marie Gion u Clifford Jo Zahra quddiem udjenza għalkollox ġdida. Dan kien programm intimu u qawwi li għaqqad il-poeżija u l-mużika flimkien.




"'This Fair Land' – Maltese in London/ Il-Malti f'Londra" kien avveniment organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'Londra b'kollaborazzjoni ma' Francis Boutle Publishers fit-3 ta' Ottubru fil-Kabaret at Karamel Kabaret biex jiċċelebraw u jippromwovu l-letteratura Maltija fir-Renju Unit b'qari minn 'This Fair Land: An Anthology of Maltese Literature' editjat minn Charles Briffa. Prof Briffa ta preżentazzjoni qasira b'intervalli ta' qari minn diversi siltiet mill-ktieb.

# Rapport Finanzjarju

| INCOME | € | € | € |
|---|---|---|---|
| **Balance b/f from 2014** | | | |
| Cash | | | 502.84 |
| Bank | | | 17,805.39 |
| Government funding | | | 275,000.00 |
| ISBN Service | | | 9,674.00 |
| Sponsorship & Subsidy from APS Bank | | | 4,000.00 |
| PLR Grant | | | 732.40 |
| Partipants fees in National Book Festival | | | 16,610.00 |
| | | | |
| **EXPENDITURE** | | | |
| | | | |
| Malta Book Festival | | | |
| Contractor for National Book Festival | 36,798.30 | | |
| Cultural Initiatives and other expenses | 9,454.14 | | |
| Insurance | 388.50 | | |
| Labour Costs | 7,167.09 | | |
| Hire of MCC Hall for National Book Festival | 25,352.30 | 79,160.33 | |
| National Book Awards | | | |
| Trophies | 1,699.20 | | |
| Money Prizes for National Book Awards | 13,000.00 | | |
| Judges Fees | 4,000.00 | 18,699.20 | |
| Book Purchases | | 58,338.22 | |
| Working Trips | | 2,732.46 | |
